– PURGAZZJONI TAL-KONTUMACJA –
– ISTITUT TAL-KONTUMACJA JEZISTI F'KAWZI QUDDIEM DAN IT-TRIBUNAL –
– GUSTIFIKAZZJONI TAL-KONTUMACJA PRONUNZJATA B'SENTENZA –
– REGISTRU ELETTORALI –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **64/2018**

**MARGAL LIMITED**
[REG. NRU. C-28583]

***VERSUS***

**EUCHARIST BAJADA**
[K.I. NRU. 375069M]

It-Tribunal;

Din hi sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut.

L-aspetti fattwali ta' dan l-episodju processwali jistghu jigu elenkati kronologikament hekk kif gej:

**a.** B'Avviz tat-Talba mressaq nhar it-8 ta' Frar, 2018, il-kumpannija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-ammont ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2,800.00c) rapprezentanti bejgh ta' medicina u prodotti ohra lill-istess konvenut. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, dawk konnessi ma' l-ittra ufficjali[1] u ohra legali datata l-20 ta' Ottubru, 2016, bl-imghaxxijiet legali skond il-Ligi;

**b.** Wara is-soliti tentattivi ta' notifika lill-konvenut fil-hinijiet gudizzjarji u wara l-hinijiet gudizzjarji (ara *a tergo* ta' *fol*. 7 u ta' *fol*. 8) – li lkoll taw ezitu fin-negattiv – l-attrici procediet ghan-notifika tal-konvenut bil-procedura ta' l-affissjoni (*a tergo* ta' *fol*. 14) u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (*a foll*. 10–11) u f'gurnal lokali ta' kuljum (*a fol*. 13);

[1] Fl-Avviz tat-Talba m'hemm l-ebda referenza ghan-numru jew ghad-data ta' tali ittra ufficjali.

**c.** Fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 gie registrat is-segwenti verbal dwar il-qaghda processwali tal-konvenut: «*Il-Konvenut imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. It-Tribunal ha konjizzjoni tal-atti u mill-istess jirrizulta illi ghalkemm il-Konvenut Eucharist Bajada gie notifikat bl-atti processwali (ara fol. 15), l-istess ma ressaqx risposta fiz-zmien li trid u tghid il-Ligi. Ghalkemm imsejjah diversi drabi, l-Konvenut Eucharist Bajada ma deherx u lanqas ma deher xi rapprezentant u/jew difensur ghan-nom tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-kawza. Fid-dawl ta' dak hawn fuq registrat, it-Tribunal jiddikjara lill-Konvenut Eucharist Bajada fi stat ta' kontumacja skont dak previst fil-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta.*» (a fol. 19). Dakinhar, fl-istess udjenza, l-attrici ressqet kapitolu fil-konfront tal-konvenut u l-procediment thalla ghas-subizzjoni tieghu ghall-udjenza tal-15 t'Ottubru, 2018;

**d.** Fit-12 ta' Ottubru, 2018 il-konvenut ressaq rikors (*a fol*. 20) li permezz tieghu talab li jiggustifika l-qaghda kontumacjali tieghu u fl-udjenza tal-15 t'Ottubru, 2018 gie registrat, *inter alia*, dan il-verbal fejn id-difensur tal-konvenut irrileva "*illi l-Konvenut, peress illi ghandu diffikultajiet ta' mobilita', ma setax jattendi ghall-udjenza tal-llum u f' dan is-sens jimpenja ruhu illi fi zmien sebat ijiem mil-llum jezebixxi dokumentazzjoni medika li titkellem u li turi tali qaghda*." (*a fol*. 23). Fit-22 t'Ottubru, 2018 il-konvenut ressaq nota (*a fol*. 24) li maghha kien hemm certifikat mediku dwar il-kundizzjoni medika tal-konvenut (*a fol*. 25). Fl-1 ta' Novembru, 2018 il-kumpannija attrici prezentat risposta ghar-rikors tal-konvenut li permezz taghha opponiet ghat-talba ta' gustifikazzjoni (*a fol*. 26);

**e.** Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 gie registrat dan il-verbal: «*It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tan-nota tal-Konvenut tat-22 ta' Ottubru, 2018 (li maghha hemm annessa kopja ta' certifikat mediku) u wara li ha konjizzjoni tat-twegiba tas-Socjeta' Attrici datata l-1 ta' Novembru, 2018, jordna lill-Konvenut sabiex, qabel ma jinghata provvediment dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja, jezebixxi kopja tal-karta tal-identita' tieghu (u dan in vista ta' dak rilevat fl-imsemmija twegiba) u kif ukoll illi c-certifikat mediku tat-tabib Patrick Frendo jigi konfermat bil-gurament. It-Tribunal jordna illi l-imsemmija informazzjoni tinghata sad-29 ta' Jannar, 2019, kopja ta' liema ghandha tigi debitament notifikata lill-kontroparti jew bil-visto tad-difensur taghha*.»;

**f.** Nonostante id-direttiva misjuba fil-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018, il-konvenut baqa' ma ressaqx l-informazzjoni minnu rikjesta.

Esposti l-fatti ta' dan l-episodju, qabel kull approfondiment ulterjuri, it-Tribunal jemmen li hu mehtieg is-segwenti preambolu.

Il-verzjoni originali ta' l-Art. 13 tal-Kapitolu 380, promulgat bl-Att V ta' l-1995 kienet tghid hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, il-Gudikatur ghandu jiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f'dik id-data ohra –
>
> (a) il-parti li tkun ghamlet it-talba tonqos li tidher, il-Gudikatur ghandu jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-parti li tkun ghamlet it-talba;

(b) il-konvenut jonqos li jidher, il-Gudikatur ghandu jisma' u jaqta' l-kawza fl-assenza tal-konvenut.

Tali disposizzjoni giet emendata bl-Att XXXI ta' l-2002 fejn l-istess giet taqra hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) jekk min jagħmel it-talba jonqos li jidher, il-ġudikatur għandu jħalli l-kawża għal data oħra u jekk min ikun għamel it-talba jerġa' ma jidhirx, il-ġudikatur għandu jirriġetta l-kawża u jordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-persuna li qed tagħmel it-talba:

Iżda l-ġudikatur m'għandux jagħmel id-differiment imsemmi kemm-il darba l-konvenut jitlob li l-kawża tinstema' dak inhar jew li tiġi kanċellata bl-ispejjeż kontra l-persuna li tkun għamlet it-talba;

(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Tali disposizzjoni, nonostanti emendi sussegwenti[2], baqghet taqra l-istess sal-lum.

Id-divergenza bejn iz-zewg posizzjonijiet – dik originali u dik illum vigenti – hija din:

**(i)** qabel, kemm il-parti attrici u kemm dik konvenuta kellhom zewg okkazzjonijiet, jew opportunitajiet, ta' dehra quddiem it-Tribunal qabel ma l-istess kien fakoltizzat li jiehu provvedimenti u cioè li fit-tieni data jichad it-talba attrici jekk min ressaq it-talba jerga' ma jidhirx u li jiddeciedi l-kawza fl-assenza tal-konvenut jekk l-istess jerga' ma jirregistrax dehra;

**(ii)** fil-prezent, jekk il-parti attrici ma tidhirx – u dejjem salv dak li talvolta jitlob l-imharrek fl-ewwel dehra – it-Tribunal ghandu s-setgha li jhalli l-kawza ghal data ohra (u jekk tali parti terga' ma tidhirx, il-kawza tieghu tigi rigettata bl-ispejjez), mentri li jekk il-parti konvenuta ma tidhirx fl-ewwel dehra, it-Tribunal ghandu l-poter li jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tieghu.

Ghalhekk, sa fejn jirrigwarda l-parti mharrka quddiem it-Tribunal, illum-il gurnata din tidher li ghandha certa obbligi procedurali x'issegwi. Wahda hi dik skond ir-Regola 4(2) tal-L.S. 380.01 li trid li, "*Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba*" u l-ohra hi dik skond l-Art. 13(b) li trid li l-konvenut ghandu jidher fl-ewwel smigh tal-

[2] Emendi ta' l-Atti XII tal-1998 u VI tal-2001; bl-Avviz Legali 425 tal-2007; u bl-Att IV tal-2016.

kawza. Fi kliem iehor, hemm obbligu kemm ritwali formali (ta' risposta fi zmien specifiku) u kif ukoll iehor ritwali ta' sustanza (ta' dehra quddiem it-Tribunal fl-ewwel udjenza). Hekk kif ser naraw aktar 'l isfel, tali obbligu jista' jigi uzat u sahansitra abbuzat ("*ius utendi et abutendi*") mill-parti mharrka.

Il-Kapitolu 380 ma jesprimi xejn dwar il-posizzjoni processwali ta' konvenut li ma jadempix dawn iz-zewg ingredjenti processwali jew ta' wahda minnhom hekk kif jaghmel b'termini cari l-Art. 158(10) tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li, *inter alia*, jippreskrivi li, "*Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi.*" Hawnhekk naraw kif il-Kodici ta' Procedura Civili jdahhal il-precett tal-posizzjoni kontumacjali ghal dik il-parti li, ghalkemm taf tirregistra dehra quddiem il-qorti, tonqos milli tressaq id-difiza formali skritta taghha (ir-risposta guramentata) fiz-zmien tassattiv u perentorju li tezigi l-Ligi. Posizzjoni bhal din mhux riflessa fid-disposizzjoijiet tal-Kapitolu 380, li solament jiffakoltizzaw lit-Tribunal jimxi 'l quddiem bil-procediment fl-assenza tal-konvenut kif imfisser aktar 'il fuq.

Madanakollu, m'hemm xejn fil-Kapitolu 380 li jostakola, jew li jimpedixxi, l-addozzjoni ta' normi procedurali kodifikati fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' normi ritwali guridici ohrajn li evolvew fid-duttrina forensi tal-qrati taghna. Per ezempju, ghalkemm il-Kapitolu 380 ma jipprospetta xejn (*eccetto* dak preskritt fl-Art. 8 tieghu), huwa ormai risaput illi l-Art. 231 tal-Kapitolu 12 (*viz*. appell f'kaz ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi fl-istess kawza) huwa applikabbli ghal sentenzi *in parte* tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.[3]

Dan qed jigi puntwalizzat proprju ghax huma ta' sikwit l-okkazzjonijiet quddiem dan it-Tribunal li l-parti mharrka, ghalkemm notifikata bl-atti, ma tintavola l-ebda risposta (jew tintavolaha tardivament) izda tidher f'xi seduta sussegwenti (wehidha jew tramite difensur) biex isemma' lehinha u tiddefendi ruhha kontra l-kawza mressqa kontriha. Huwa proprju ghalhekk li jkun necessarju li f'tali sitwazzjonijiet jigi ben determinat u deciz jekk dik il-parti ghandhiex tippartecipa jew le fil-procediment, nonostante xi inadempjenza ritwali precedenti taghha. U huwa hawnhekk li tinsorgi s-sitwazzjoni tal-kontumacja tal-parti konvenuta quddiem dan it-Tribunal u, skond il-kaz, l-eventwali gustifikazzjoni ta' tali posizzjoni.

B'dan kollu, it-Tribunal ma qed jghid xejn hlief li ghalkemm differenti mix-xenarju klassiku ta' quddiem il-qrati ordinarji, l-istitut tal-kontumacja jezisti fil-procedimenti li jingiebu quddiemu.[4] Jekk dan huwa hekk, jezisti wkoll l-istitut tal-purgazzjoni tal-kontumacja.

---

[3] F'dan is-sens wiehed huwa mistieden jara *in re* **Carmel Falzon et v. Dr Andrew Zammit et** (Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2007), *in re* **John Agius vs Champalin Company Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2012); u *in re* **Top Drawer Limited v. Matthew Portelli** (Appell Inferjuri, 3 ta' Gunju, 2016).

[4] F'dan is-sens ara *in re* **Dr. Lennart Depasquale v. Filippo Cachia** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 1996); *in re* **Emmanuel Caruana noe v. Elaine Cachia** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 1996); u *in re* **GasanMamo Insurance Agency Limited noe v. UCIM Company Limited** (Appell Inferjuri, 23 ta' Novembru, 2005).

Ghalhekk, il-principji relattivi espressi mill-qrati taghna dwar kontumacja u l-gustifikazzjoni taghha huma applikabbli *mutatis mutandis* fi proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Ghalkemm l-indirizz tal-gurisprudenza tal-qrati taghna ma kienx daqstant konkordi matul iz-zminijiet dwar jekk pronunzjament dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghandux jitqies bhala sentenza jew digriet, jidher li huwa ormai accettat li dan ghandu jiehu l-forma ta' sentenza vera u proprja u kunsidrat bhala tali. Hemm pronunzjamenti gudizzjarji li jikklassifikaw dan l-episodju proceduarli bhala digriet interlokutorju[5] u ohrajn li jikkazellawh bhala sentenza[6]. Il-gurisprudenza magoritarja tidher li tinklina lejn din l-ahhar tezi u cioè li pronunzjament dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja hija effettivament sentenza.

Dan it-Tribunal jinklina lejn tali gurisprudenza magoritarja u ma jarax ghalfejn ghandu jitbieghed minn tali pronunzjamenti, anke l'ghaliex ikun alkwantu awdaci u prepotenti ghalih li – fin-nuqqas ta' ragunijiet gravi, serji u godda – jippronunzja ruhu diversament fuq materja li ormai tidher kristallizzata mill-ghola qrati u wkoll ghax decizjoni diversa u kuntrarja emessa minn dan it-Tribunal taf tiskonvolgi kwistjonijiet li llum-il gurnata jaghtu grad ta' certezza u aspettattiva legittima fi procedimenti gudizzjarji.[7]

It-Tribunal jikkunsidra addizzjonalment;

Huma diversi u varji d-decizjonijiet tal-qrati taghna li jitkellmu dwar l-istitut tal-kontumacja u dwar il-purgazzjoni (gustifikazzjoni) taghha. Bla htiega li dan it-Tribunal joqghod jissenjala tali gurisprudenza b'mod ezawrjenti, ikun sufficjenti ghall-prezenti decizjoni l-osservazzjonijiet li gejjin.

---

[5] Ara *in re* **Malta Industrial Parks Limited v. KA.DO.CO. (Gozo) Co. Limited** (Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2011) u *in re* **Avukat Dr. Michael Zammit Maempel noe v. Antoine Attard et** (Prim'Awla, 30 ta' Novembru, 2015).

[6] Ara *in re* **Avukat Dr. Paul Pullicino noe v. Adrian Mifsud noe** (Appell Superjuri, 29 ta' Frar, 1984); *in re* **Albert Mizzi et noe v. Emmanuel Navarro** (Appell Superjuri, 20 ta' Jannar, 1986); *in re* **Alfred Gatt noe v. Salvino Sullivan** (Appell Kummercjali, 27 ta' April, 1987); *in re* **Lawrence Ellul Sullivan et noe v. Lawrence Ciantar** (Appell Superjuri, 2 ta' Marzu, 1992); *in re* **Ronald Micallef et v. Subway (Malta) Limited** (Prim'Awla, 9 ta' Jannar, 2002); *in re* **Carmelo Galea v. Olga Agius et** (Appell Superjuri, 3 ta' Dicembru, 2004); *in re* **Patrick Buttigieg v. Clifton Barbara** (Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010); *in re* **Rita De Waele v. Michele Pergolani et** (Prim'Awla, 15 ta' Settembru, 2015); *in re* **Samchrome Fze v. Danko Koncar et** (Appell Superjuri, 11 ta' Marzu, 2016); *in re* **Robert Bondin Carter v. Frank Zahra** (Prim'Awla, 24 ta' Jannar, 2017); u *in re* **HSBC Bank Malta plc v. Standard Chartered Bank** (Prim'Awla, tal-14 ta' Jannar, 2019).

[7] Ghal dak li jirrigwarda certezza fid-dritt, aspettattiva legittima u t-teorija ta' *stare decisis* tigi senjalata d-decizjoni ta' dan it-Tribunal *in re* **Awtorità Ghat-Trasport f'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (6 ta' Novembru, 2017)

Il-kontumacja tfisser insult. Dan hu derivanti mill-lokuzzjoni Latina "contumelia".[8] L-istitut tal-kontumacja hija deskritta ahjar f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju, 1993 fl-ismijiet ta' **Joseph Vella noe v. John Vella**, fejn intqal illi l-kontumacja "*Huwa bazat fuq il-presuppost li l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera contumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti. Meta huwa gie konvenut fl-avviz, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni u hija din id-dizubbidjenza animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' contumelia u dispett li l-ligi trid tirreprimi u timponixxi. In kwantu contumelia bhal dik hi element ta' disordni socjali. Dan gie ricentement ribadit minn din il-Qorti (Sede Civili) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar, 1993 fl-ismijiet Pauline Grech noe vs. Nazzareno Zammit*." (ara wkoll *in re* **Dr. Giannella Caruana Curran v. Stephen Chetcuti et**, Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005). Inoltre, fil-kawza **Dr. Christopher Muscat v. Raymond Bugeja noe** (Prim'Awla, 16 ta' Marzu, 1999) inghad illi wahda mill-proceduri essenzjali li trid tigi segwita mill-konvenut f'kawza, hija li jipprezenta eccezzjonijiet tieghu fit-terminu moghti mil-Ligi. Jekk ma jaghmilx hekk, il-konvenut ikun baqa' kontumaci, li tfisser li l-Qorti timxi u tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisimghu u jkollha toqghod biss fuq il-provi prodotti mill-attur. Ara wkoll fl-istess stregwa *in re* **Inginier Emmanuel Farrugia v. Felix Agius et noe** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 11 ta' Lulju, 2005).

Ghalkemm il-kontumacja hi deskritta bhala dispett lejn l-awtorità gudizzjarja, l-istess ma tissarraf qatt f'xi forma ta' ammissjoni, totali jew parzjali, tat-talba attrici. Li tiddefendi ruhek f'kawza civili huwa naturalment jedd u certament mhux obbligu u minn tali jedd jidderiva l-precett tal-awtonomija ta' dik il-parti li taf taghzel illi ma tattivax ruhha u ma tirreagixxix (dejjem salv il-konsegwenzi procedurali relattivi jekk taghmel dan). Infatti, kif rilevat fid-duttrina forensi moderna, "*l'autonomia e la disponibilità del diritto alla tutela anche del convenuto, esige che quest'ultimo non sia affatto obbligato a svolgere difese, a reagire alla domanda dell'attore o comunque a partecipare attivamente al processo. Può cioè lasciare che il processo si svolga senza che egli assuma alcuna iniziativa, così dando luogo ad una situazione che tecnicamente si chiama «contumacia»* [...] *l'assenza di iniziative, o inerzia, propria di questa situazione, significa assenza dal processo soltanto in linea di fatto. Ed in realtà, in linea di diritto, il convenuto è gia presente nel processo per il solo fatto di essere stato convenuto, ossia di essere stato «regolarmente citato», perchè il giudice possa provvedere nei suoi confronti. La regola del contradittorio vuole che il giudice si pronunci solo se il convenuto è stato posto in condizioni di difendersi, se lo vuole. Ma se non lo vuole, questa sua inerzia non può impedire lo svolgimento del processo nel quale egli è giuridicamente già presente come parte e destinatario del provvedimento. Questa piena libertà del convenuto di partecipare o di non partecipare attivamente al processo in cui è già parte, si completa nel dato fondamentale che l'inerzia del convenuto non è affatto sufficiente per condurre all'automatico accoglimento della domanda dell'attore. È questo un aspetto caratteristico degli ordinamenti moderni che hanno abbandonato i sistemi ispirati ad un atteggiamento punitivo verso l'inerte, sia che lo costringessero a partecipare al giudizio o sia che sanzionassero la sua inerzia interpretandola come acquiescenza*

[8] Skond id-**Dizionario Etimologico** (Rusconi Libri, edizione aggiornata, 2004; p.257) – "*contumàce*" hi: "*dal latino 'contumax' (= arrogante) forse collegato a 'temnere' (= disprezzare) o a 'tumere' (= essere gonfio, in questo caso di orgoglio)*."

*al provvedimento chiesto contro di lui.*[9] *Negli ordinamenti moderni, tra i quali il nostro, la disciplina della contumacia tende piuttosto a proteggere il contumace. In ogni caso, non soltanto il convenuto è completamente libero di non difendersi e di non partecipare al giudizio; ma ciò non rende affatto scontato l'accoglimento della domanda* [...] *Di regola, anche nell'inerzia del convenuto, il giudice accoglierà la domanda solo se avrà potuto formare il suo convincimento circa la sussistenza del diritto, e cioè sulla volontà astratta di legge nonché sui fatti costitutivi, avvalendosi dei mezzi di prova che l'attore gli avrà fornito. Ma nulla esclude che il giudice si arresti ad una pronuncia sul processo o che si pronunci sul merito respingendo la domanda* [...] *L'inerzia del convenuto potrà pertanto, ed in conclusione, giovare all'attore, e nuocere al convenuto stesso, soltanto in linea pratica, in quanto, ovviamente, l'attore avrà più facilità nel determinare il convincimento del giudice sia in diritto che in fatto.*" (*cfr.* **CRISANTO MANDRIOLI** u **ANTONIO CARRATTA**, "Diritto Processuale Civile", Vol. I, G. Giappichelli, 26ª ed., 2017; §23, pp. 134–135).

Ghalhekk, in-nuqqas ta' partecipazzjoni tal-parti konvenuta m'ghandha tfisser qatt li tali parti qed tbaxxi rasha ghat-talba mressqa kontriha jew inkella xi forma ta' konfessjoni tacita ta' dak allegat kontriha. Anzi, tali omissjoni tirresponsabilizza lill-gudikant biex jaccerta ruhu li l-allegazzjonijiet attrici jigu xorta wahda pruvati u li l-precetti procedurali dejjem osservati. Fid-duttrina nsibu ritenut li, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p.175). Mil-lat ta' gurisprudenza lokali, kif inghad *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959), insibu affermat li, "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*." Fuq l-istess stregwa, gie rilevat fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol XXIX-III-35** illi, "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*" Illi fil-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010) inghad li l-parti f'kontumacja "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha*." F'dan is-

[9] Fost ir-ricerka kondotta minn dan it-Tribunal, instab dan il-passagg li jiddeskrivi l-procedura adoperata fi zminijiet medjevali (i.e., meta d-dritt procedurali, b'ispirazzjoni ta' precetti u normi tad-Dritt Kanoniku, beda' jiehu s-sura tieghu kif nafuha llum-il gurnata): "*Service of the summons obligated the defendant either to appear in person at the specified time and place or else to send a procurator to present a satisfactory reason for his failure to comply. Should he fail to respond, he might be summoned twice more. If he or his personal representative still failed to appear after the third summons, the judge could declare him contumacious. This rendered the defendant* infamis, *which severely handicapped his ability to defend his case, and might result in a fine, excommunication, and perhaps a summary judgment in favour of the plaintiff as well. A contumacious defendant who thought better of the matter and then made a belated appearance needed to apologise to the judge, promise to obey the orders of the court in future, and usually paid a stiff fine before he could proceed with his defence.*" (*cfr.* **J. A. BRUNDAGE**, "The Medieval Origins of the Legal Profession", Chicago Press, edizjoni 2008; pp. 417–418).

sens hi wkoll id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata).

Izda l-konvenut li jaqa' kontumaci, jista' jittenta jiggustifika tali posizzjoni tieghu u dan biex jerga' jikseb il-jeddijiet procedurali u processwali tieghu biex jirriattiva ruhu u jippartecipa bi shih fil-procediment. Dan jaghmlu billi jressaq ragunijiet oggettivi u tajbin bizzejjed li jiggustifikawh u li jwasslu ghall-mahfra tal-posizzjoni kontumacjali imposta fuqu.

Biex il-kontumacja tal-parti konvenuta tkun gustifikabbli, din trid tkun involontarja, mhux kolpuza (i.e., li tohrog minn ghemil traskurat), skatenata minn (jew rizultat ta') kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, tali impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut, tali impediment jista' jkun frott ta' zball basta jkun wiehed invincibbli, tali impediment legittimu ghandu jkun fiziku u mhux wiehed merament morali. F'dan is-sens ara il-*casus classicus* fl-ismijiet **Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo** (Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937; riportata f'*Kollez*. XXIX-I-1581), citata b'approvazzjoni sa zminijiet ricenti, u fost decizjonijiet ohra, *in re* **Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et** (Pim'Awla, 17 ta' Marzu, 2015).

Premess dan kollu, it-Tribunal jghaddi ghall-ezami tal-kaz in specie biex jevalwa jekk il-motivi mressqa mill-konvenut humiex tajbin biex jiggustifikaw il-qaghda processwali tieghu *qua* parti kontumaci.

In succint, fir-rikors tieghu l-konvenut jsostni illi skopra bl-ezistenza tal-prezenti kawza wara illi martu, li minnha huwa *de facto* separat, ghaddietlu kopja ta' l-inkartament processwali li hi sabet imwahhla mal-bieb tar-residenza taghha (i.e., l-indirizz li l-attrici indikat fl-Avviz tat-Talba, u f'atti ulterjuri sussegwenti, ai finijiet ta' notifika: "89, Villa Diana, Triq Valletta, Mosta"). Il-konvenut jikkontendi li tali indirizz m'huwiex il-lok fejn joqghod jew jahdem u lanqas ma huwa l-post tax-xoghol jew l-indirizz postali tieghu. F'dan is-sens il-konvenut ezibixxa estratt mir-Registru Elettorali (harga ta' Ottubru, 2017) li juri li huwa jirrisjedi fl-indirizz "47, Casa Maria, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Hal Balzan". Ghalhekk, jikkontendi l-konvenut, huwa qatt ma gie debitament u regolarment notifikat bl-atti ta' din il-kawza u n-nuqqas li jressaq risposta fiz-zmien li tirrikjedi l-ligi kien dovut ghal impediment legittimu, ghal kollox indipendenti mill-volontà tieghu peress li l-attrici ghaddiet biex tinnotifikah f'indirizz divers minn fejn huwa jirrisjedi. In vista ta' dan, jghid il-konvenut, u fid-dawl tal-precett ta' "*audi alteram partem*", hu ghandu jinghata permess jressaq risposta f'din il-kawza.

Ulterjorment, fuq ordni tat-Tribunal,[10] il-konvenut ezibixxa kopja ta' certifikat mediku, datat 15 ta' Ottubru, 2018, li jghid testwalment kif gej: «*The above* (il-konvenut) *is still under professional care for Deep Vein Thrombosis Right lower limb and presently has Abdominal colic with enteritis. He cannot attend Law Courts as of today the 15th of Oct. He will be fit in ten days time on 25/10/18.*» (*a fol*. 25).

[10] *vide* verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 23).

Il-kumpannija attrici wiegbet ghal tali rikors u rregistrat ir-rezistenza taghha billi sostniet illi l-konvenut ghandu qabel xejn jigguramenta l-fatti minnu dikjarati fir-rikors tieghu u dan peress li d-direttrici tal-kumpannija attrici "*marret kemm il-darba fl-istess indirizz* ("89, Villa Diana, Triq Valletta, Mosta") *kemm sabiex taghtih il-prodotti kif ukoll biex tircievi hlas minghand l-intimat*". Addizzjonalment, l-attrici tghid li l-indirizz indikat fuq il-karta ta' l-identità tal-konvenut jindika l-indirizz tal-genituri tieghu, post li ma jirrisjedix fih. L-attrici tghid li l-indirizz "89, Villa Diana, Triq Valletta, Mosta" huwa l-lok u l-post minn fejn l-konvenut jezercita l-professjoni tieghu. Dwar ic-certifikat mediku, l-attrici tikkontendi li l-istess ghandu jigi konfermat bil-gurament tat-tabib li hargu.

Skond l-Art. 187(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili, "*In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha*." Dan is-sub-inciz gie estensivament emendat bl-Att IV ta' l-2016[11] fejn il-legislatur wessa' u amplifika x-xenarju tan-notifika biex jaghti diversi opzjonijiet u alternattivi fejn tista' ssehh in-notifika relattiva lill-parti avversarja. Din m'ghandhiex issir necessarjament f'indirizz registrat tal-parti l-ohra izda l-istess tista' titwassal, *inter alia*, fuq il-post tax-xoghol u, sahansitra, "*kull fejn dik il-persuna tista' tinstab*".

Fil-kaz taghna ma giex muri li l-indirizz utilizzat mill-kumpannija attrici ai finijiet ta' notifika (i.e., "89, Villa Diana, Triq Valletta, Mosta") huwiex wiehed mill-indirizzi annoverati fl-imsemmija diposizzjoni. L-istess attrici ma ressqet l-ebda evidenza ta' natura oggettiva u konkreta li tindika rabta bejn l-imsemmi indirizz postali mal-konvenut, izda solament tistrieh fuq l-asserzjoni kif kontenuta fir-risposta taghha tal-1 ta' Novembru, 2018 li tghid biss li l-konsenji ta' prodotti u certu hlasijiet kienu jsehhu lill-konvenut u mill-istess f'tali indirizz u li l-konvenut jipprattika l-professjoni tieghu mill-indikat indirizz. It-Tribunal ghandu jipprezumi li wara tali allegazzjonijiet l-attrici kienet f'posizzjoni tressaq xi dokument (*order form*, fattura fiskali, kopja tal-karta ta' l-identità *et similia*) li tissorregi jew almenu tikkorrabora dak minnha mghadud, izda ma tressqet l-ebda evidenza indikanti dan.

Min-naha l-ohra, il-konvenut ezibixxa kopja minn estratt mehud mir-Registru Elettorali tal-harga ta' Ottubru, 2017 (i.e., harga ta' qabel l-intavolar ta' l-odjerni proceduri) liema estratt oggettivament jindika li l-konvenut huwa formalment registrat f'indirizz divers minn dak li fih l-attrici wettqet tentattivi ta' notifika (i.e., "47, Casa Maria, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Hal Balzan").

In-natura pubblika tar-Registru Elettorali hija skontata u dan l'ghaliex l-istess jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta. Fir-Registru Elettorali wiehed isib l-isem, il-kunjom, in-numru tal-Karta tal-Identità jew tar-residenza u l-indirizz ta' dawk kollha li huma rregistrati biex jivvutaw f'elezzjonijiet u referenda. Dan jigi ppubblikat darbtejn f'sena f'ghamliet separati, f'April u f'Ottubru, sew fuq il-karta u sew fuq *compact disc*.

[11] L-emendi relattivi dahlu fis-sehh fil-15 ta' Frar, 2016 kif previst fl-Avviz Legali nru. 42 ta' l-2016.

Ir-Registru Elettorali kien certament disponibbli ghall-kumpannija attrici sabiex tivverifika l-ahhar indirizz registrat tal-konvenut qabel ma tghaddi ghall-intavolar tal-kawza u tinnotifikah fejn huwa ufficjalment registrat. Tant dan huwa minnu li l-Art. 187A(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili (li wkoll gie introdott bl-Att IV ta' l-2016) jghid li, "*Il-Kummissarju Elettorali Ewlieni għandu jippermetti l-aċċess online u mingħajr ħlas tar-reġistru elettorali għall-elezzjonijiet ġenerali lir-reġistri tal-qorti li minnhom il-qrati, l-uffiċjali tal-qorti, avukati u prokuraturi legali jistgħu jkollhom aċċess għad-data li tinsab fl-imsemmi reġistru għal finijiet li għandhom x'jaqsmu man-notifika ta' atti ġudizzjarji.*"

Inoltre, kif asserit *in re* **Peter Paul Muscat et v. Peter Muscat Scerri** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009), "*Hu accettat li attur irid jaghmel l-indagini tieghu qabel ma jipprocedi kontra terz f'kawza, biex jassigura li l-konvenut imharrek huwa verament il-legittimu kontradittur tieghu.*" Ghalkemm tali senjalazzjoni titkellem dwar accertamenti precedenti biex tigi individwata l-parti avversarja ghall-pretiza attrici, ma' tali osservazzjoni, dan it-Tribunal izid jghid li tali verifiki u accertamenti ghandhom ukoll jestendu ghal aspetti ohra accessorji, bhal per ezempju – hekk kif ghadna f'dan il-kaz – fuq l-indirizz li fih il-parti konvenuta tehtieg tigi notifikata. Dan huwa necessarju sabiex il-kontradittorju bejn il-kontendenti jkun legittimament u ritwalment instawrat u jigu evitati konsegwenzi ingusti jew ekwivoci,[12] hekk kif prospettat fil-kaz prezenti. Dan it-Tribunal jemmen li sabiex jigu evitati malintizi jew ekwivoci procedurali dwar in-notifika regolari ta' parti fi proceditment, ir-Registru Elettorali ghandu jservi, sa fejn huwa possibbli, bhala indikatur jew gwida principali, ghalkemm mhux l-unika sors ta' informazzjoni. Jista' jaghti l-kaz illi dan kien l-ispirtu li anima l-introduzzjoni ta' l-Art. 187A(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Ghalkemm huwa minnu li n-notifika ta' persuna m'ghandhiex necessarjament issehh fl-indirizz li jidher fir-Registru Elettorali, izda tista' ssehh bnadi ohra, hekk kif espressament kontemplat fl-Art. 187 tal-Kodici ta' Procedura Civili citat *supra*, fil-kaz prezenti l-unika certezza, sobrija u oggettiva, li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa l-indirizz tal-konvenut kif johrog mir-Registru Elettorali. Fic-cirkostanzi, l-attrici ma rnexxillhiex turi lil dan it-Tribunal li n-notifika relattiva minnha maghmula sehhet f'xi lok jew post iehor fejn jahdem il-konvenut jew li sehhet fuq il-post tax-xoghol tieghu jew altrimenti fl-indirizz postali iehor li normalment ikun fih l-istess konvenut. Jekk l-attrici kellha xi forma t'evidenza li kienet turi xort'ohra, din baqghet mistura u t-Tribunal ma jistax jistrieh fuq allegazzjonijiet mhux debitament korroborati. Dan qed jinghad anke in virtù ta' l-Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili li japplika indistintivament ghall-parti attrici u dik konvenuta (i.e., "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*"). Min-naha l-ohra, il-konvenut rnexxielu juri li ghandu rabta ma' indirizz partikolari u dan wrieh bil-produzzjoni ta' prova t'indole oggettiva u ta' certa piz probatorju.

F'dawn ic-cirkostanzi specifici, it-Tribunal huwa moralment konvint li l-qaghda kontumacjali tal-konvenut hi wahda involontarja u mhux derivattiva minn xi ghemil

[12] Dwar l-importanza ta' notifika preciza u regolari wiehed hu mistieden jara *in re* **Mohib Abouzidan v. Akram Jirah** (Prim'Awla, 30 ta' Mejju, 2017; *sub iudice* pendenti fl-appell), liema proceduri kienu ddikjaraw in-nullità u l-irritwalità tan-notifika ta' parti konvenuta (Mohib Abouzidan) fi proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghax imwettqa f'fond li ma kinitx r-residenza ta' l-istess izda ta' terzi individwi.

kolpuz, skatenata minn impediment legittimu indipendenti mill-volontà tieghu peress li jidher li n-notifika tieghu sehhet f'indirizz divers minn dak li fih huwa joqghod. Gie muri li l-konvenut ghandu rabta ma' l-indirizz "47, Casa Maria, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Hal Balzan" u mhux ma' l-indirizz "89, Villa Diana, Triq Valletta, Mosta". Jekk dan huwa altrimenti, kien jispetta lil min kien qed jghid hekk li jgibu a konjizzjoni tat-Tribunal tramite provi tajbin.

**Ghaldaqstant**, fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti u abbazi tal-materjal lilu fornit dwar din il-materja, it-Tribunal jemmen li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u f'dan is-sens dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tieghu tat-12 ta' Ottubru, 2018 u konsegwentement qed jirrevoka *contrario imperio* l-provvediment emess fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 fejn il-konvenut gie dikjarat kontumaci u t-Tribunal qed jawtorizza u jordna lill-istess konvenut sabiex fi zmien tmintax (18)-il gurnata perentorji mid-data ta' din is-sentenza huwa jghaddi biex iressaq Risposta kontenenti l-eccezzjonijiet kollha tieghu dwar dan il-kaz.

Kwalsiasi spejjez u/jew drittijiet gudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma rizervati ghall-gudizzju finali.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*